KUNSILL LOKALI NADUR

**Minuti tas-sitta u tletin (36) laqgħa tat-tmien (8) Kunsill Lokali tan-Nadur**
**It-Tlieta, 4 ta' Lulju, 2017, fil-5.00pm**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi-Sindku |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsilliera |
| Michael Camilleri | Kunsillier |
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsilliera |
| Sue-Ellen Bugeja | Segretarju Eżekuttiv |

**Talba:** Il-laqgħa bdiet b'talba.

**1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar talbet biex tiġi skuzata fil-laqgħa ta' Urġenza numru 35 peress li bagħtet e-mail u l-email baqet fl-outbox tagħha. Il-Kunsill approva din it-talba.

**2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tal-erbgħa u tletin laqgħa tat-12 ta' Gunju,2017 u l-ħamsa u tletin laqgħa b'urġenza tad-19 ta' Gunju, 2017 ġew ikkoreġuti, approvati, ffirmati u ddikjarati bħala dokument uffiċjali.

**3. Komunikazzjoni mis-Sindku u mistoqsijiet mil-Kunsilliera.**

- *Charter Refund*– Is-Sindku nnota li l-Adult Programme gie accettat u ser nieħdu rifuzjoni tal-Adulti. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar staqsiet rigward c-charter taz-zgħazagħ. Is-Sindku spjega li dan ma giex accettat kif diġa kien diskuss fl-laqgħa ohra u ser tingħata rifużoni għall-ispejjeż tat-trasport liż-żgħażagħ fir-rigward tal-ewwel laqgha anwali tal-programm tac-Charter 2017-18, kif kien gie deciz mill-Kunsill Lokali.

**4. Korrispondenza.**

(5866) E mail mingħand Eco Gozo rigward Bicycle stands. Hawnhekk il-Kunsill qabel li nagħmlu talba sabiex jeħlu ħdejn il-Grawnd P.P Camilleri fi Triq Xandriku.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

(5867) E mail mingħand ir-Regjun ta' Għawdex dwar Proposti b'rabta mal-Local Government Community Innovation Fund ghal Kunsiderazzjoni tar-Regjun Għawdex

(5868) E mail mingħand id-DLG dwar site visit fuq il-Proġetti Kapitali

(5869) Ittra mingħand TM rigward re-location of charging pillar at Racecourse Street. Ħawnhekk il-Kunsill ġie infurmat li issa din ser tinqala' mill-Pjazza.

(5870) E mail mingħand id-DLG rigward Deputat Segretarju Ezekuttiv. Il-Kunsill qabel li jerġa jiġi approvat is-Sur Darren Vella.

(5871) E mail mingħand id-DLG rigward Protokoll dwar il-bandieri.

(5872) Ittra mingħand il-Kelliem tal-Oppozizzjoni għall-Kunsilli Lokali dwar laqgħa mall-Kunsill.

(5873) Ittra mingħand il-Ministru għal Għawdex dwar ringrazzjament tal-ittra li bgħat il-Kunsill. Għandha issir laqgħa mal-Kunsill nhar l-20 ta' Lulju. Is-Sindku talab lis-Segretarja sabiex iċċaqlaq din il-laqgħa.

(5874) E mail minghand id-DLG dwar Smarter Cities Learning Expedition and Tel Aviv Cities Summit

(5875) E mail mingħand il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar biex tibgħat tigi skuzata għal laqgha b'urġenza no. 35. Din ġiet diskussa fil-bidu tal-laqgħa.

(5876) Ittra mingħand Department of contracts rigward Procurement Policy note 33

(5877) E mail mingħand Charter rigward aprovazzjoni tac-Charter fin-Nadur 2018

(5878) E mail mingħand Planning Authority rigward PC0025/16

(5879) E mail mingħand Fr. Dionysius Mintoff rigward Premju Nazzjoni b'Ħilti wasalt

(5880) E mail mingħand id-DLG rigward POC 140 –Contracts for the Provision of Care, Security and Cleaning services.

(5881) Circular 02/2014 dwar Contracts for the provision of care, security and cleaning services.

(5882) PQ no. 430

(5883) Ittra mingħand id-DLG rigward Zbilanc finanzjarju tal-Kunsill Lokali ghas-sena 2016. Ser issir laqgħa nhar it-28 ta' Lulju dwar dan.

## 5. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

Wara diskussjoni u kjarifika għal xi punti mqajma mill-Kunsilliera, l-iskeda ta' pagamenti ġiet approvata unanimament.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

## 6. Mnarja 2017.

- Wirja- Is-Sindku nnota li din kienet suċċess. Din is-sena ingħalqet ukoll Triq Dicembru 13 fejn kien hemm l-għana u l-wirja taż-żwiemel li intogbot ħafna ukoll.
- Attivita' tat-tfal - Din ukoll kienet ta' suċċess minkejja li kien hemm l-ezamijiet. Dr. Rita Mifsud talbet biex sena oħra nikkunsidraw ċertu tip ta' entertainment u anke indaħħlu attractions ġodda.
- Tigrija Żwiemel- Is-Sindku nnota li din kienet ta' suċċess kbir b'numru rekord ta żwiemel.
- Knis u Skart- Is-Sindku nnota li l-Kuntrattur li kellu l-kuntratt tal-Knis għamel xogħlu sew pero ma setax jlaħħaq ma l-ammont kbir ta' karti li ntefu fil-marc ta' filghodu u li ma konniex preparati għalih. Is-Sindku kompla jgħid li jrid ikun hemm aktar kollaborazzjoni bejn l-Kunsill u l-għaqdiet f'dan ir-rigward. Il-ħasil taċ-ċentru ser isir fil-granet ta' wara l-festa.
- Cicciano u Baveno - Is-Sindku nnota li ta' Cicciano waqt iz-zjara tagħhom hawn urew ix-xewqa fejn bejn Ottubru jew Novembru jitla grupp minn Nadur sabiex nerġgħu nsaħħu l-ġemellagg. Kien hemm qbil li dan il-grupp jitla' fl-ewwel weekend ta' Novembru flimkien mal-Kunsill. Is-Sindku kompla jgħid li s-Sindku ta' Baveno hadet ħafna pjacir fiz-zmien li kienet hawn fostna. Hu kompla jgħid li hemm il-ħsieb li bejn Marzu jew April jitla' l-Kunsill b'delegazzjoni u mhux grupp f'Baveno. Kien hemm qbil li dan jkun f'April 2018.

## 7. Wine Festival 2017.

Is-Sindku nnota li l-programm issa huwa lest. Delicata ser jagħtu l-għajnuna ta' €2,500 għal l-entertainment. Is-Sindku nnota li l-istands ta' ikel u restaurant huma konfermati u kemm jinstabu n-nies biex jgħinu waqt l-attivita' mal-palk. Kien hemm qbil li jinħargu l-kwotazzjonijiet għad-dawl, PA system u security system. Il-Marketing tal-Facebook rigward din l-attivita' ser jiehu ħsiebha Darren Cassar. Ser joħorġu wkoll l-avviż għal l-istands tal-bars.

## 9. Materja Oħra

- *Charter* - Darren Cassar għamel video fuq in-Nadur bir-ritratti u anke bil-kliem. Il-Kunsill approva li jingħata kumpens ta' €100. Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri nnota li dan il-power point bir-write up tas-Sur Joe Chircop sar bi bdil mad-DVD li l-Kunsill kellu stima għalih bl-ammont ta' €1,800.

- *Monti* – Is-Sindku nforma lil kunsilliera li kellu jibgħat ittra iebsa lil bejjiegħa tal-monti minhabba l-iskart li jhallu warajhom.

- *Xandriku Fest* – Din ser ssir fit-8 ta Lulju. S-Sindku kien mistieden għal laqgha fejn gie mitlub bhas-snin li għaddew biex il-Kunsill jidhol b'kolloborazzjoni ghas-sound, dawl u siġġijiet. Il-Kunsill qabel fuq dan.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

- *Indafa Kunsill* – Is-Sindku nnota li tnaddaf kull cupboard fil-Kunsill u issa ser titnaddaf il-kamra tal-bejt. Is-Sindku avvicina lil Daphne Cassar biex jara tridx tgħin lil Kunsill fid-day to day work minflok tmur ma kumpanija għas sajf. Daphne Cassar aċċettat. Il-Kunsilliera qablu fuq dan kollu.

- *Fixed Assets* – Is-Sindku nnota li ser tintrema printer u dehumidity fire antiki ħafna, hu kompla jgħid li inxtrat vaska għal latrina ta' Daħlet Qorrot.

- *Dentistry Mobile Unit* - Is-Sindku nnota li ser ikun hemm mobile dentist unit jagħti servizz b'xejn għal check up nhar l-Erbgħa, 2 ta' Awissu. Kien hemm qbil li din titwaqqaf fi Triq il-Knisja.

- *Chairs & Tables fi Triq Dicembru 13* – Is-Sindku nforma lil Kunsill li l-istabilimenti tal-catering fi Triq Dicembru 13th ser ikunu qed jaghmlu talba sabiex din it-Triq tingħalaq filgħaxija għat-traffiku kollu barra għar-residenti u b'hekk tkun tista ssir talba mal-entitajiet konċernati sabiex jinħargu l-permessi neċessarji għal-tables and chairs. Dawn ser jinkaragaw perit min naha tagħhom sabiex jiprepara l-pjanti meħtiega u wara jigu sottomessi lil Kunsill għal-approvazzjoni.

- *Premju Gieh in-Nadur*- Is-Sindku nnota li mhux biss hemm individwi imma anke Socjetajiet jew Għaqdiet li tajjeb jigu rikonoxxuti. Is-Sindku wera x-xewqa li din is-sena dan il-Premju jingħata lis-Socjeta Filarmonika Mnarja li għalqet 50 sena min meta bdiet tagħti s-servizzi tagħha, apparti l-fatt li din is-Soċjeta għamlet tant ġid ma ħafna persuni. Is-Sindku talab lil kunsilliera sabiex jikkunsidraw jekk jaqblux ma din il-proposta u jekk jkun hemm approvazzjoni jigu mistiedna għal din l-attivita' t-tlett Presidenti u l-membri li kellha s-Socjeta. Il-Kunsilliera prezenti kollha qablu fuq dan u kien hemm qbil li din l-attivita' titella' fil-Pjazza San Pietru u San Pawl minflokk fil-Kazin tal-Banda Mnarja. F'Kaz ta' maltemp l-attivita' titella fil-Kazin tal-Banda Mnarja.

- Requests:
  - Talba għal sement taht bankina fi Triq Sant Andrija.
  - Talba biex jizdied ftit ir-railing tal-Bajja ta' San Blas.
  - Talba għal zewg rampi bil-madum tal-Familja Cardona u Magro fi Triq Xandriku.
  - Talba għal sement fi Triq Torri Sopu biex jsiru s-Sinjali approvati.
  - Talba mingħand il-Kunsillier, Eucharist Camilleri ghal zbir ta' sigar u ħajt biex jittranga fi Triq Guze Ellul Mercer.
  - Talba mingħand il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar rigward tappiera li qed thabbat fi Triq Xandriku. Is-Segretarja ser tagħmel it-talba bil-customer care.
  - Talba mill-Kunsilliera Dr Josianne Cutajar biex tibidel grada perikoluza fi Triq Xandriku.
  - Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar staqsiet rigward l-qtugħ tal-ħaxix ħazin u patching fi triq il-Buskett u qtugh ta' haxix hazin fin-nizla ta' San Blas lejn ir-raba` u Wied ir-Rihan. Is-Sindku nnota li dawn ser isiru.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

- **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa spiċċat fis-6.45pm. Il-Kunsill qabel li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 1 ta' Awissu 2017, fl-4.00p.m.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva